**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 29 ta' Marzu 2017**

**App. Nru. 91 / 2011 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**...** ***omissis*** **...**
**Gilmore Cachia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra *omissis* u Gilmore Cachia, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 38386(M) talli fil-15 ta' Diċembru 2002 u fiż-żminijiet preċdenti, fil-Belt, f'B'Kara u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(a) iffalsifikaw jew biddlu, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ jew prodott ta' industrija, jew manifattura; jew xjentement għamlu użu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħu tali merkanzija; jew xjentement qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammew

għandhom għall-bejgħ jew importaw għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` ammont sostanzjali ta' Audio CDs, flokkijiet bil-marka Adidas, DVDs, VCDs, Playstation Games, Videos u audio tapes allegatament foloz kif ukoll ħwejjeġ oħra u dan bi ksur ta' l-artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) bi qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod ieħor irriproduċew jew ikkopjaw, jew biegħu, qassmu, jew mod ieħor offrew għal bejgħ jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil/jew taħt il-liġi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) bi qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod ieħor ipproduċew jew ikkopjaw, jew biegħu jew qassmu jew mod ieħor offrew għal bejgħ jew biex jitqassmu minn post jew minn ġewwa post li huwa kopert b'liċenzja, jew bħala parti minn attivita` koperta b'tali liċenzja, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil/jew taħt il-liġi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Avviż Legali 120 tal-1992;

Lil Gilmore Cachia waħdu:

(1.a) fil-15 ta' Diċembru 2002 għall-ħabta tas-06:45 ta' filgħodu fi Vjal ir-Re Dwardu VII saq vettura numru KAV-119 mingħajr liċenzja mhux renovata għas-sena korrenti;

(1.b) saq l-istess vettura mingħajr ma kienet koperta bil-polza ta' sigurta` ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

(1.c) saq l-istess vettura mingħajr ma kien liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta` ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

(1.d) ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita` jew ta' min kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor indaħal fi dmirhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li bil-liġi kienu ordnati li jagħmlu jew setgħu jagħmlu u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-prosekuzzjoni talbet li f'każ ta' ħtija jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe` li *omissis* u Gilmore Cachia jiġu skwalifikati mil-liċenzja tagħhom tas-sewqan għal perijodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti u tirrevoka l-liċenzja ta' *fixed hawker* maħruġa f'isem *omissis*;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Gilmore Cachia ħati ta' l-imputazzjonijiet (a), (b), (c), (1.a), (1.b), u (1.c) u minnhom illiberatu iżda sabitu ħati tas-seba' imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet xhur;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fl-24 ta' Frar 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi: (a) tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-imputati kollha ħatja tal-imputazzjonijiet (b) u (c); (b) tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-imputat Gilmore Cachia ħati tal-imputazzjonijiet (1.a), (1.b) u (1.c); (c) tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat Gilmore Cachia ħati ta' l-imputazzjoni (1.d); (d) tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat *omissis* mhux ħati tal-imputazzjoni (vii); (e) tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat *omissis* ħati tal-imputazzjonijiet (iii), (iv), (v), (vi), (vii) u (ix); filwaqt li tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn (i) sabet lill-imputati mhux ħatja tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tagħhom u lliberathom minnha; u fejn (ii) sabet lil *omissis* mhux ħati tal-imputazzjonijiet (i) u (ii) u lliberatu minnhom; (iii) u fejn erogat il-piena fil-konfront tal-imputati; u minflok (i) issib lill-imputati ħatja wkoll tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tagħhom; (ii) issib lill-imputat *omissis* ħati tal-imputazzjonijiet (i) u (ii); (iii) tinfliġġi l-piena idoneja kontra l-imputati appellati kollha skond il-liġi inkluż billi jittieħed in konsiderazzjoni l-addebitu tar-reċidiva skond il-liġi fil-konfront ta' *omissis*;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat Gilmore Cachia esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dawn il-proċeduri kienu ġew inizjati kontra Martin Cachia u ibnu Gilmore Cachia. Martin Cachia miet fil-mori tal-kawża. Konsegwentement din il-Qorti ddikjarat l-azzjoni estinta fir-rigward ta' l-imsemmi Martin Cachia u astjeniet milli

tieħu konjizzjoni ulterjuri kemm ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali fil-konfront tiegħu kif ukoll ta' l-appell ta' l-istess Martin Cachia. Għalhekk din is-sentenza hi limitata għall-appell ta' l-Avukat Ġenerali in kwantu jirrigwarda Gilmore Cachia.

**6.** Fir-rigward ta' l-appellat Gilmore Cachia, l-Avukat Ġenerali qiegħed jappella mid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti li ma ssibx ħtija dwar l-imputazzjoni (a). L-Avukat Ġenerali jgħid:

> "L-imputati gew akkuzati talli ffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija; jew xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblem imxebbhin b'qerq u cioe` ammont sostanzjali ta' Audio CD's, flokkijiet bil-marka Adidas, DVDs, VCDs, Playstation Games,Videos u audio tapes allegatament foloz kif ukoll hwejjeg ohra u dan bi ksur ta' l-Arhkolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Issa f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hawn fuq imsemmija tenniet li
>
> "*'Fil-kaz in ezami, il-maggior parti kwantita` kbira ta' DVDs, CDs u Playstations non-compliant li nqabdu mill-prosekuzzjoni fil-garaxx ta' Birkirkara ma jistghu bl-ebda mod, jigu assocjati ma' l-imputat. Dana qieghed jinghad il-ghaliex il-proprjetarju tal-garaxx ma kienx l-imputat; sid il-garaxx ma kienx involut fin-negozju tal-kirja allegatament involuta; il-prosekuzzjoni naqsetl li tipproduci bhala xhud lil Patrick Falzon li allegatament kien responsabbli ghal allegat kirja bejn l-imputat u sid il-garaxx. Ic-cavetta, li nstabet mal-mazz cwievet ta' l-imputat Martin Cachia, li kienet taqbel mal-katnazz ta dan il-garaxx m'hijiex prova sufficenti biex tigi ankrata htija il-ghaliex din il-Qorti ma kellha ebda prova ta' kemm kien komuni f'Malta dan it-tip ta' katnazz u din it-tip ta cavetta.'*
>
> "Bid-dovut rigward lejn l-ezercizzju rnaghmul mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha, dawn il-konsiderazzjonijiet huma skorretti. Dan peress illi mhux korrett jinghad li l-kwantita` kbira ta' DVD's, CD's et al li nstabu mill-Pulizija fil-garaxx ta' Birkirkara ma jistghux jigu assocjati mal-imputati appellati. Dan peress li:
>
> (a) 1-imputati appellati li huma missier u iben, kienu flimkien meta l-Pulizija kienet qed taghmel is-sorveljanza fir-rigward ta' dan il-kaz;
> (b) kif mistqarr mill-istess Qorti ic-cavetta tal-katnazz li bih kien imsakkar dan il-garage kienet misjuba inkluza ma' mazz cwievet li kienu fil-pussess tal-imputati in partikolari, Martin Cachia. Apparti minn hekk din ic-cavetta kienet uzata mill-Pulizija sabiex ikun jista jigi miftuh dan il-garage. Wara kien hemm ukoll serratura li kienet giet sgassata mill-Pulizija fuq awtorizzazzjoni tal-Magistrat Dr. Carol Peralta;

dan juri li kien hemm rabta diretta u stretta bejn is-sokor ta' dan il-garage u l-imputat Martin Cachia b'mod partikolari. L-esponent jistaqsi min kellu interess li jara li dan il-garage ikun imsakkar b'katnazz — mhux min ghandu interess dirett fl-oggetti mahzuna fih? Bir-rispett kollu l-enfazi li kellha taghmel il-Qorti kellu jkun mhux fuq x'titolu setgha kellu l-imputat Cachia fuq il-garage in kwistjoni, izda x'interess u/jew dritt kellu l-istess Cachia fuq il-merkanzija mahzuna fl-istess garage. Li Cachia kellu access dirett ghal dan il-garage mhux kontestat in kwantu huwa kellu fil-pussess tieghu ic-cavetta ghall-katnazz li kien qed isakkar ukoll dan il-garage;
(c) apparti minn hekk jirrizulta wkoll li fil-garage mnstabu diversi kaxxi tal-kartun li fihom kien hemm ammont kbir ta' DVD's, CD's et al meritu ta' dan il-kaz. F'uhud minnhom kien hemm mitkub b'linka sewda "M Cachia sold" (ara fol 148). Bid-dovut rispett din hija wkoll evidenza cirkostanzjali ohra li tippunta direttament lejn l-imputat Martin Cachia bhala l-persuna li lilha kienu jappartjenu tali DVD's, CD's et al;
(d) inoltre fattur iehor li jkompli jorbot lill-imputati appellati ma' dawn id-DVD's U CD's et al meritu tal-kaz huwa li fil-van hawn fuq imsemmi l-istess Cachia kienu qed jahznu zewg kaxxi ohra li fihom kien hemm CD's li wkoll kienu kontraffatti, u mill-istall armat minnhom l-ispettur Helga Debono elevat ukoll
diversi DVD's u CD's li kienu "non compliant".

"Apparti minn hekk jirrizulta mir-relazzjonijiet ta' Martin Bajada a fol 108 (relazzjonijiet a fol. 110 u a fol 190) li mill-kampjuni mehuda minn dawn id-DVD's u CD's mill-pussess tal-imputati appellati jirrizulta li mill-analizi imwettqa il-kampjuni kollha kienu "non compliant" u ghaldaqstant mhux dak kif licenzjat ghall-bejgh mill-awturi rispettivi.

"Jinghad ukoll li dawn id-DVD's u CD's et misjuba fil-pussess tal-imputati appellati u li kienu non compliant, jaqghu fil-parametri ta' dak li din l-Onorabbli Qorti iddecidiet fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Martin Cachia" deciz nhar is-26 ta' Mejju 2010

"*'L-ewwel nett jirrizulta mir-relazzjoni ta l-espert tekniku Martin Bajada li l-materjal kollu elevat minghand l-appellant*
*huwa "non-compliant". Issa, filwaqt illi fir-rigward tal-paragrafu (a) il-marki jew sinjali jridu jkunu "iffalsifikati jew imbiddlin", fil-kaz tal-paragrafu (f) il-marki jew sinjali jew emblemi jridu jkunu "imxebbhin". Issa, marka tista' tkun "imbiddla" anke billi ma jkun hemm "ebda tikketta jew marka". Mill-banda l-ohra, biex marka tkun "imxebbha" irid*
*ikun hemm marka li tixbah, ossia li tidher li tkun qed tirrapprezenta dik originali.*

"*'Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-maggor parti tad-diskettes kellhom biss l-isem tal-kontenut ta' dak id-diskette u ghalhekk bi ksur tal-paragrafu (a). Pero` kien hemm numru ta DVDs, kif jirrizulta mir-relazzjoni ta' l-espert tekniku (ara specifikatament a fol. 116) li kienu go cases u li kellhom anke inlays li kienu fotokopji. Jigifieri dawn il-prodotti partikolari kienu maghmuhn b'xebh ma' l-original. Ghalhekk dan kien bi ksur tal-paragrafu (f) hawn fuq citat.'*

> "Fl-umli fehma tal-esponent, dan il-kaz huwa identiku ghall-kaz hawn fuq citat, mhux biss kwantu ghall-kontenut tieghu, izda wkoll ghal dak li huwa l-imputat."

**7.** Mill-provi jirriżulta li fil-15 ta' Diċembru 2002, fuq informazzjoni kunfidenzjali li f'van KAV-119 ta' Martin Cachia seta' kien hemm oġġetti kontrafatti, il-Pulizija għamlu sorveljanza ta' l-istess van li kien ipparkjat ħdejn il-Phoenicia Hotel. Wara ftit taż-żmien tfaċċa l-appellat Gilmore Cachia li daħal fil-van u startjah iżda qabel ma telaq minn fuq il-post marru fuqu l-Pulizija u qalulu jinżel biex ikunu jistgħu jagħmlu spezzjoni fil-van. Huwa niżel, beda jgerger u jgħajjat li ser imur fejn missieru. Fil-fatt tfaċċa Martin Cachia li ukoll beda jgħajjat u lill-Ispettur Helga Debono qallha "Ħallini Spettur, xbajtu taqbdu miegħi? u minhix ser nibqa' hawnhekk". Nelfrattemp P.S. 494, P.C. 290 u P.C. 561 kienu qegħdin fuq il-parti ta' wara tal-van, sabiex iwettqu t-tfittxija tagħhom, flimkien ma' Gilmore Cachia. F'ħin minnhom Martin Cachia għadda minn bejn il-Pulizija, daħal fid-driver seat tal-van, għalaq il-bieba tad-driver startja l-van, irriversja u telaq. L-appellat Gilmore Cachia ġie arrestat. Fil-van il-Pulizija kienu nnotaw li kien hemm ħafna kaxex.

**8.** Aktar tard il-Pulizija rċeviet informazzjoni illi Martin Cachia reġa' mar fl-istall tiegħu fis-suq tal-Belt u għaldaqstant l-Ispettur Debono marret hemmhekk fejn Martin Cachia reġa' beda jgħajjat: "Dejjaqtuni ilkom taqbdu miegħi". Daru miegħu ħafna nies tal-monti iżda l-Ispettur Debono laħqet ghamlet spezzjoni tal-van li kien qieghed viċin l-istall u fih kien hemm biss żewġ kaxxi żgħar mnejn ġew elevati xi CDs kif ukoll spezzjonat l-istall. Hija elevat tmienja u sittin (68) CD. Mill-van ġie elevat *pouch* biċ-ċwievet. Marret id-Depot għall-assistenza, u permezz ta' din l-istess assistenza, ġie arrestat Martin Cachia. Sussegwentement saret tfittxija fid-dar residenzjali ta' Martin Cachia li rriżultat fin-negattiv.

**9.** L-Ispettur Helga Debono xehdet li meta saqsiet lil Martin Cachia għalfejn kien għamel dak li għamel filgħodu, huwa qallha li kien tħawwad u kull ma għamel kien li dar dawra u mar iqiegħed l-affarijiet li kien hemm fil-van fuq it-tilar tiegħu l-Monti. Skond l-Ispettur, aktar tard irċeviet informazzjoni kunfidenzjali li Martin Cachia kien mar ibattal il-kontenut tal-van tiegħu f'garaxx fi Triq Dun Karm Galea f'Birkirkara. Infetħet Inkjesta Magisterjali. Il-garaxx instab, il-katnazz li kien hemm infetaħ b'ċavetta li kien hemm maċ-ċwievet elevati mill-van ta' Martin Cachia, iżda għas-serratura ma nstabet l-ebda ċavetta. Din, fuq ordni tal-Maġistrat Inkwirenti, ġiet sgassata u ġewwa nstabu numru sostanzjali ta' oġġetti li ġew deskritti bħala "non-compliant". Fuq uħud mill-kaxex kien hemm miktub "M. Cachia sold". Martin Cachia ma kienx sid il-garaxx li kien ħalla f'idejn ħaddieħor

biex jikrihulu. Iżda min kien allegatament kera l-garaxx ma ġiex prodott mill-prosekuzzjoni.

**10.** Mela dak li jirriżulta hu li l-van KAV-119 kien jappartjeni lil Martin Cachia; li ċ-ċwievet li fosthom kien hemm iċ-ċavetta tal-garaxx ġew elevati mill-van; li m'hemm l-ebda prova li l-oġġetti li nstabu fil-garaxx kienu xi ħin fl-imsemmi van; li żgur m'hemm l-ebda prova li dawk l-oġġetti qatt kienu fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' l-appellat Gilmore Cachia; li l-fatt li fuq xi kaxex li nstabu fil-garaxx kien hemm miktub "M. Cachia sold", aktar u aktar ma jorbotx lill-appellat ma' l-oġġetti fil-garaxx; li minn dak li jirriżulta mir-relazzjonijiet ta' l-espert tekniku, ma jidhirx li s-CDs elevati mill-van ġew eżaminati u għalhekk mhux magħruf jekk kinux *compliant* jew le; li fi kwalunkwe każ, għal dak li jirrigwarda dawn is-CDs, meta ġew elevati mill-Pulizija, l-appellat Gilmore Cachia kien diġa` taħt arrest u m'hemm l-ebda prova li dawn qatt kienu fil-pussess tiegħu; li, għalhekk, is-sempliċi fatt li daħal fil-van biex isuq l-imsemmi van ma jista' bl-ebda mod inissel fih ħtija għar-reati kontemplati fl-artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f). Fi ftit kliem l-elementi tar-reati hemm kontemplati ma ġew bl-ebda mod pruvati.

**11.** Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Ġenerali fil-konfront ta' Gilmore Cachia hu miċħud u s-sentenza appellata fir-rigward tiegħu konfermata.